# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2012 — Coats Holdings vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża T-439/07)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Swieq taż-żippijiet u tat-'tipi oħra ta' qafliet' — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Żiediet fil-prezzijiet miftiehma, iffissar tal-prezzijiet minimi, qsim tal-klijentela u tas-swieq u skambju ta' informazzjoni kummerċjali oħra — Prova — Ksur uniku u kontinwat — Preskrizzjoni — Drittijiet tad-difiża — Multi — Linji gwida")***

(2012/C 243/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Coats Holdings Ltd (Uxbridge Middlesex, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: W. Sibree, C. Jeffs, K. O'Connell, J. Boyce, solicitors, u D. Anderson, QC)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre u K. Mojzesowicz, aġenti)

**Suġġett**

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4257 finali, tad-19 ta' Settembru 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 (KE) (Każ COMP/39.168 — PO/Oġġetti għall-ħjata tal-metall u tal-plastik: qfieli), dwar akkordju fis-swieq Ewropew u dinji tal-qfiel u tal-magni għat-tqegħid, safejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Coats Holdings Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 37, 9.2.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2012 — Berning & Söhne vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-445/07)** ([1])

***("Kompetizzjoni — Akkordji — Swieq taż-żippijiet u ta' 'tipi oħra ta' qafliet' kif ukoll tal-magni tal-ħjata — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Żidiet fil-prezzijiet miftiehma, iffissar tal-prezzijiet minimi, taqsim tal-klijentela u tas-swieq u skambju ta' informazzjoni kummerċjali oħra — Prova — Drittijiet tad-difiża — Ksur uniku u kontinwat — Preskrizzjoni — Multi — Tul u gravità tal-ksur — Ċirkustanzi attenwanti — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")***

(2012/C 243/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Berning & Söhne GmbH & Co. KG (Wuppertal, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Niggemann u K. Gaßner, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mojzesowicz u R. Sauer, aġenti)

**Suġġett**

Prinċipalment, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 4257 finali, tad-19 ta' Settembru 2007, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 81 (KE) (Każ COMP/39.168 — PO/Prodotti tal-haberdashery tal-metall u tal-plastik: qafliet), u, sussidjarjament, talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti mill-imsemmija deċiżjoni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud*

(2) *Berning & Söhne GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 37, 9.2.2008.